REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/248

tal-1 ta' Frar 2023

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Widnejn tal-buflu mnixxfa, għall-użu bħala għalf għall-annimali, ippakkjati f'boroż tal-plastik ta' 50 jew 100 biċċa. Il-widnejn jiġu prodotti bħala prodott sekondarju tal-iskarnar (jiġifieri, il-ġewwieni tal-laħam) fl-impjanti tal-produzzjoni tal-ikel. Imbagħad jiġu pproċessati ulterjorment mingħajr ma jiġu osservati l-miżuri tal-iġjene tal-ikel permezz tad-depilazzjoni, it-tindif u t-tnixxif fix-xemx. Il-prodotti huma ttrasportati bħala għalf tal-annimali u jinbiegħu bħala magħda għall-klieb.	0511 99 85	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 1(a) tal-Kapitolu 2, kif ukoll mill-kliem tal-kodiċijiet NM 0511, 0511 99 u 0511 99 85. Peress li l-produzzjoni u t-trasport tal-widnejn imnixxfa jseħħu mingħajr ma jiġu osservati l-istandards tal-iġjene tal-ikel, il-prodotti mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk il-klassifikazzjoni fil-Kapitolu 2 hija eskluża, peress li dak il-Kapitolu ma jkoprix prodotti mhux tajbin jew mhux adattati għall-konsum mill-bniedem (in-nota 1(a) tal-Kapitolu 2). Il-klassifikazzjoni fil-Kapitolu 23 hija eskluża peress li l-widnejn ma jkunux tilfu l-karatteristiċi essenzjali tal-materja prima bid-depilazzjoni u t-tnixxif (in-nota 1 tal-Kapitolu 23). Konsegwentement, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 0511 99 85 bħala prodott ieħor tal-annimali mhux speċifikat jew inkluż banda oħra.
2. Laħam taċ-ċanga mnixxef imneħħi mill-griżmejn, għall-użu bħala għalf tal-annimali, ippakkjat f'boroż tal-plastik ta' 1 sa 5 kg ittikkettati bħala għalf tal-klieb. Il-laħam jiġi prodott bħala prodott sekondarju tal-iskarnar (jiġifieri, il-ġewwieni tal-laħam) fl-impjanti tal-produzzjoni tal-ikel. Imbagħad il-laħam jiġi pproċessat ulterjorment mingħajr ma jiġu osservati l-miżuri tal-iġjene tal-ikel permezz tat-tnixxif fix-xemx. Il-prodotti huma ttrasportati bħala għalf tal-annimali u jinbiegħu bħala għalf tal-klieb.	0511 99 85	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 1(a) tal-Kapitolu 2, kif ukoll mill-kliem tal-kodiċijiet NM 0511, 0511 99 u 0511 99 85. Peress li l-produzzjoni u t-trasport tal-laħam imnixxef jseħħu mingħajr ma jiġu osservati l-istandards tal-iġjene tal-ikel, il-prodotti mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk il-klassifikazzjoni fil-Kapitolu 2 hija eskluża, peress li dak il-Kapitolu ma jkoprix prodotti mhux tajbin jew mhux adattati għall-konsum mill-bniedem (in-nota 1(a) tal-Kapitolu 2). Il-klassifikazzjoni fil-Kapitolu 23 hija eskluża peress li l-laħam tal-ġewwieni ma jkunx tilef il-karatteristiċi essenzjali tal-materja prima bit-tnixxif (in-nota 1 tal-Kapitolu 23). Konsegwentement, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 0511 99 85 bħala prodott ieħor tal-annimali mhux speċifikat jew inkluż banda oħra.